**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2013**

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-KITBA) | IL-ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________ **Il-Klassi:** _______

**Il-Marki:** 30 marka

## A. Il-kitba ta' invit (10 marki)

Int mitlub tikteb **invit wieħed**.
Agħżel jew invit numru 1 jew numru 2.
L-invit irid ikun bejn **50 u 60 kelma**.

**1. Invit għal ħarġa saċ-ċinema**

Fil-linji li għandek f'paġna 2, ikteb invit għal ħarġa saċ-ċinema organizzata mill-għaqda tad-drama tal-lokalita` tiegħek, fil-jiem li ġejjin. Immaġina li int is-segretarju jew is-segretarja tal-għaqda u qed tikteb l-inviti għal din il-ħarġa li se tiġi organizzata għat-tfal tar-raħal jew tal-belt tiegħek. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk tikteb l-invit.

a) Meta se ssir din il-ħarġa?
b) X'ħin se jitilqu?
ċ) Fejn se jmorru?
d) Kif jistgħu jibbukkjaw?
e) Kemm iridu jħallsu?



**2. <u>Invit għall-festin f'għeluq sninek</u>**

Ikteb invit biex tistieden lil sħabek għall-festin f'għeluq sninek. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk tikteb l-invit.

a) Meta ħa jsir dan il-festin?
b) X'ħin se jsir?
ċ) Fejn ħa jsir?
d) X'tip ta' divertiment se jkun hemm?



**Ikteb l-invit tiegħek hawn taħt.**
**Invit _____ (Ikteb 1 jew 2)**

## B. Il-kitba ta' artiklu **20 marka**

Agħżel waħda minn dawn l-aħbarijiet u ikteb artiklu b'rabta mal-aħbar magħżula minnek. L-artiklu jrid ikun bejn **140 u 200 kelma**.

**Artiklu A**

**Kreatura stramba tidher fil-bajja tal-Għadira**

Dawn l-ideat jistgħu jgħinuk tikteb l-artiklu:



*Tista' tikteb dwar meta l-kreatura dehret fil-bajja, min raha, minn fejn ġiet jew x'taħseb li kienet.*

*Tista' tikteb ukoll dwar id-dehra tagħha, kif ħassewhom in-nies meta raw din il-kreatura u kif kienet tidher il-bajja meta kont hemm qed tirraporta.*

**JEW**

**Artiklu B**

**Annimal mhux tas-soltu jirgħa fil-ġonna tal-Buskett**

Dawn l-ideat jistgħu jgħinuk tikteb l-artiklu:



*Tista' tikteb dwar meta dan l-annimal intlemaħ fil-Buskett, min rah, kif kien u x'kellu mhux tas-soltu?*

*Kif spiċċa fil-Buskett? Tista' tikteb ukoll kif ħassewhom in-nies meta rawh u kif kienet id-dehra fil-Buskett meta mort tirraporta.*

**1. Il-pjan tal-artiklu** **(4 marki)**

Ikteb **il-pjan tal-artiklu** b'rabta mal-aħbar magħżula minnek.

Aħbar _____ (Ikteb A jew B)

**2. L-artiklu skont l-aħbar li għażilt** **(16-il marka)**

Uża l-pjan tiegħek sabiex tikteb artiklu b'rabta mal-aħbar magħżula minnek. L-artiklu jrid ikun bejn **140 u 200 kelma**.

Aħbar _____ (Ikteb A jew B)